# L-inawgurazzjoni tas-17 u t-18-il mafkar fir-Razzett tal-Markiż

*Is-Sur Mario Bugeja - Segretarju Għaqda Filantropika Talent Mosti*

Hi l-għaxqa tal-Għaqda Filantropika Talent Mosti, meta fir-Razzett tal-Markiż, infakkru persuni li jkunu taw il-kontribut siewi tagħhom lis-soċjetà. F'dawn l-attivitajiet, nixħtu dawl ġdid fuq dawk li jkunu ħadmu qabilna, b'risq dak kollu li hu sabiħ u ta' benefiċċju fil-ħajja tal-poplu tagħna. Fuq l-istess ħsieb, hemm ukoll l-inizjattiva ta' twaqqif ta' bustijiet f'ġieħ dawn il-persuni li meta kienu mimlija bl-għomor, ħadmu b'risq l-arti, il-letteratura, il-kultura u l-filantropija ta' art twelidna. Okkażjonijiet bħal dawn, jistidnuna biex inħarsu ħarsa lura ħalli nġibu quddiem għajnejna lil dawn ħutna li fis-snin li għaddew, kitbu magħna l-istorja ta' din l-NGO, li minn għaqda żgħira fil-qalba tal-Mosta, kisbet maż-żmien, għarfien fuq skala nazzjonali.

## L-Esperjenza

Hu fatt magħruf li r-Razzett tal-Markiż fuq ir-riħ ta' Wied il-Għasel, għandu r-romantiċiżmu tiegħu. Jekk wieħed idur dawra sew miegħu, fost ħwejjeg oħra, għandu jsib xogħlijiet ta' artisti li għadhom jibdew flimkien ma' dawk ta' oħrajn bħal Alfred Camilleri Cauchi, Anton Agius u Savio Deguara. Tista' timmaġina kemm dawn l-artisti ġodda jħossuhom onorati li xogħlijiethom qegħdin esposti flimkien ma' dawk ta' artisti ta' ċertu kalibru. Bi ftit għajnuna u opportunità tagħmillhom ħafna kuraġġ. L-esperjenza fuq dan il-proġett għallmitna biex naħsbu bil-għaqal u li fuq kollox naħdmu b'ġenwinità ma' kulħadd. Ir-riżultat joħroġ waħdu, għax wara seba' snin, b'pass wieħed wara l-ieħor, din l-inizjattiva ssoktat fil-mixja tagħha.

## Tieħdu ħjiel

U nhar il-Ġimgħa 22 ta' Mejju, 2015, komplejna nxettlu din l-oasi ta' sliem bit-twaqqif ta' żewġ



*Ir-Razzett tal-Markiż għandu r-romantiċiżmu tiegħu, fejn hawn narawh jitħabbeb mar-Rotunda ta' Grognet. (Ritratt: Louis Vassallo)*

bustijiet oħra. B'hekk din l-inizjattiva b'għan nobbli, kibret għal tmintax-il mafkar. Dakinhar, fakkarna l-memorja għażiża ta' żewġ personaġġi oħra, li t-tnejn li huma, inzertaw mill-Belt Valletta. Qegħdin nirreferu għal Vincenzo Maria Pellegrini u Charles Arrigo. Kif inhu xieraq, smajna flimkien il-bijografiji tagħhom, fejn l-udjenza sabiħa li għoġobha tilqa' l-istedina tagħna, ħadet gost tisma' b'attenzjoni lil Dr Alexandra Camilleri Warne, hi u tiftaħ tieqa fuq il-ħajja mlewna tagħhom. Tkun ħaġa sewwa, li intom li ġie f'idejkom dan l-*Annwal* popolari, tieħdu ħjiel dwar dawn iż-żewġ personaġġi li għamlu isem għalihom u għal Malta tagħna.

## Vincenzo Maria Pellegrini (1911 – 1997)

L-awtur, poeta u pittur Vincenzo Maria Pellegrini twieled il-Belt Valletta nhar it-12 ta' April 1911 minn Emanuele u Evangelista, imwielda Aquilina. Bejn l-1920 u l-1921 studja fis-Seminarju ta' Għawdex, waqt li bejn l-1921 u l-1927 kompla bl-edukazzjoni tiegħu fil-Liċeo tal-Belt. Laħaq nutar u wara avukat fl-1937.

*ikompli f'paġna 144*



***Pittura ta' Vincenzo Maria Pellegrini, xogħol tal-artist Esprit Barthet. (Bil-kortesija ta' Gabriel A. Pellegrini)***

L-ewwel fażi ta' kitbietu kienet miġbuda lejn il-lingwa Taljana. Fil-fatt, Vincenzo hu awtur ta' diversi xogħlijiet ta' proża u poeżija bit-Taljan. Kien il-fundatur u l-editur ta' "La Brigata", rivista letterarja bit-Taljan li l-ewwel ħarġa ġiet ippublikata fl-1932. Dan kien l-organu tas-*Società Universitaria di Letteratura Italiana.* Aktar tard fl-1949, kien editur ta' rivista letterarja oħra "La Crociata". Vincenzo kien il-fundatur u d-Direttur tal-*Institute for Cultural Exchanges* li waqqaf fl-1952.

Vincenzo Maria Pellegrini kellu karigi diversi f'bosta assoċjazzjonijiet ċivili u soċjali. Fost dawn insemmu l-Kulleġġ tal-Avukati, fil-Banda Ċittadina La Vallette, fit-Teatru Manoel, fil-qasam tax-xandir b'mod partikolari r-Rediffusion, fis-Soċjetà tal-Arti, Manifattura u Kummerċ u fl-Għaqda



***Dr Vincenzo Maria Pellegrini u l-mara tiegħu Josephine. (Bil-kortesija ta' Gabriel A. Pellegrini)***

tal-Folklor. Hu ta s-sehem tiegħu fix-xena politika, fejn kien ħareġ bħala kandidat f'isem il-Partit Nazzjonalista għall-Elezzjoni Ġenerali tal-1949. Il-lista tal-pubblikazzjonijiet tiegħu hi waħda fertili u impressjonanti. Il-kontribut letterarju tiegħu jvarja minn kotba ta' poeżija, drama, drammi għar-radju, libretti għall-opri, oratorji u komponimenti f'diversi gazzetti u rivisti lokali u barranin. Vincenzo studja l-letteratura u l-arti, imma kellu ġibda speċjali lejn il-lingwi, l-aktar għal-Latin, il-Franċiż, it-Taljan, l-Ispanjol u l-Malti.

L-ewwel poeżija bil-Malti kienet ippublikata fl-1932, waqt li l-ewwel kollezzjoni ta' poeżiji bit-Taljan *Pensieri, Accenti e Sillabe* ippublikaha fl-1933. Ġabar il-poeżiji bil-Malti fi ktieb *Bjuda bil-Lejl* li ħareġ fl-1955. Hu kien attivist fil-*Movimento Neo-Rondista Italiano*, li kien twaqqaf bil-għan li jikkombatti l-antiklassiku u t-tendenzi futuristiċi fil-poeżija.

Fost id-damma ta' kitbiet, Vincenzo għoġbu jagħtina bosta bijografiji ta' artisti Maltin u personaġġi magħrufa li għamlu isem għalihom u għal pajjiżhom. Tajjeb li nsemmu xi wħud minnhom. Il-prim ministru Enrico Mizzi, il-pittur Envin Cremona, l-artist Lazzaro Pisani, il-pittur u restawratur Raffaele Bonnici Calì u l-iskultur nazzjonali Antonio Sciortino. Il-bijografiji tiegħu jissoktaw dwar il-pittur Giuseppe Calì, l-iskultur Josef Kalleya, l-artist Ġanni Vella, l-iskultur Francesco Saverio Sciortino u l-pittur Toussaint Busuttil. Vincenzo għoġbu jagħtina aktar tagħrif dwar il-pittur u skultur Samuel Bugeja, l-iskultur Giorgio Borg, il-kompożitur Carmelo Pace, l-arkitett Richard England, il-maestro Paolo Nani, il-patri Benedittin Don Maurus Inguanez, l-artista Joseph Casha, il-kjeriku u llum beatu Nazju Falzon, it-tenur Paul Asciak u l-prim ministru Ġorġ Borg Olivier. Bħala delizzju, kellu għal qalbu l-arti astratta.

Għall-kontribuzzjoni tiegħu fil-qasam letterarju, Vincenzo kien ġie onorat mill-Gvern Taljan, b'medalja tal-fidda, meta tah il-ġieħ *Cavaliere della Stella Solidarietà Italiana.* Hu kien Konslu Ġenerali tar-*Royal House d'Este* tal-Bavaria fil-Ġermanja. Fl-1980, is-Soċjetà tal-Arti, Manifattura u Kummerċ onoratu b'medalja tad-deheb għas-sehem ħabrieki tiegħu fil-qasam letterarju, artistiku u soċjali.

Vincenzo Maria Pellegrini fl-1939 kien iżżewweġ lil Josephine Calleya u kellhom tlett itfal, Anita,

Franco u Gabriel. Mar jiltaqa' mal-Mulej nhar l-1 ta' Ottubru 1997 fl-età ta' 86 sena.

Fl-1960 l-iskultur nazzjonali Anton Agius kien ġie avviċinat mill-familja Pellegrini biex jaħdem il-bust ta' dan l-avukat u poeta li ta kontribut siewi lis-soċjetà Maltija. Kien Gabriel, ibnu stess, li webbel lil Talent Mosti biex dan il-mafkar ikompli jkattar din l-inizjattiva li sabet art għammiela fir-Razzett tal-Markiż. Hawn irridu nirrikonoxxu lil Michael Agius li jiġi ħu Anton, għas-sehem utli tiegħu fl-akkwist ta' dan il-bust.

## Charles Arrigo (1929 – 2006)

Charles Arrigo twieled il-Belt Valletta nhar is-6 ta' April 1929. Hu ħa l-edukazzjoni tiegħu fil-Lyceum, waqt li kompla bl-istudji tiegħu fl-Italja fl-Università ta' Perugia. Charles Arrigo hu meqjus bħala l-idolu per eċċellenza tax-xandara f'pajjiżna. Hu beda l-karriera tiegħu bħala l-ewwel *announcer* maskili mal-kumpanija tar-Rediffusion fl-1947. Bil-vuċi distint u unika tiegħu, malajr ħakem l-attenzjoni tas-semmiegħa numerużi li sa mill-1948 'il quddiem, kienu jitgħaxxqu jisimgħuh jaqra għażla vasta ta' rumanzi Maltin. Il-logħba popolari "Staqsini 20" hija sinonima ma' Charles Arrigo, anki jekk kien hemm diversi verżjonijiet oħra tagħha matul is-snin. Maż-żmien stabbilixxa ruħu sew fejn jidħlu kummentarji radjufoniċi u televiżivi ta' bosta avvenimenti marbuta mal-ġrajjiet ewlenin ta' ġensna, kemm ċivili u kif ukoll reliġjużi. U fost dawn insemmu l-ewwel żjara tal-Papa Qaddis Ġwanni Pawlu II f'pajjiżna fl-1990. L-aħħar kummentarju dirett tiegħu, kienet il-ħatra ta' Monsinjur Mario Grech bħala Isqof t'Għawdex, nhar it-22 ta' Jannar 2006.

Fl-1959, Arrigo kien mar l-Ingilterra biex ikompli jitħarreġ fix-xandir mal-BBC, fejn ġie offrut



***Charles Arrigo jaqra r-rumanzi bil-Malti fuq ir-Rediffusion (bil-kortesija ta' It-Torċa)***



***Il-figura leġġendarja ta' Charles Arrigo, kif jafuha l-Maltin. (Ritratt ta' Tony S. Mangion)***

biex lejn tmiem il-kors, jaħdem għal perjodu ta' disa' xhur bħala xandar regolari mal-*BBC World Service*. Fl-1962 mar għal taħriġ ieħor mal-BBC, din id-darba fil-kamp televiżiv. Fil-fatt, kellu jkun hu nnifsu, li meta ġie mniedi l-istazzjon televiżiv nazzjonali nhar id-29 ta' Settembru 1962, ġie magħżul biex jippreżenta ċ-ċerimonja tal-inawgurazzjoni. B'hekk, kien l-ewwel persuna li dehret fuq l-i*screens* tat-televiżjoni Maltija.

Charles Arrigo kellu ġibda naturali lejn id-drama, tant li fl-1948, issieħeb mal-*British Institute Players*, fejn taħt id-direzzjoni ta' produtturi professjonali minn Londra, akkwista esperjenza fil-qasam tar-reċtar, tant li mhux l-ewwel darba li ġie fdat b'xi parti prinċipali. B'riżultat ta' dan, Arrigo imbarka fuq il-proġett tar-radju drammi fejn ipproduċa huwa stess numru sostanzjali ta' drammi miktuba minn awturi Maltin u kif ukoll, ittraduċa għall-Malti, xogħlijiet oriġinali tal-BBC. Hu kien ukoll attiv mal-Grupp Teatrali Awturi, tant li ħa sehem fi produzzjonijiet diversi fejn interpreta għadd ta' karattri differenti. Parti popolari li interpreta b'ċertu abbiltà hi dik tal-kurunell li kellu fis-sensiela televiżiva "Villa Sunset", fil-bidu tas-snin 2000.

F'karriera ta' madwar sittin sena, Charles Arrigo okkupa numru ta' karigi importanti. Fl-1950 kien maħtur bħala *producer* tad-drama u d-dokumentarji. Fl-1971 laħaq Assistent Kap għall-programmi tar-radju, waqt li fl-1974 ġie maħtur Kap tat-taqsima tad-drama u d-dokumentarji. Fl-1987,



*Il-preżentazzjoni ta' din is-serata ta' tifkira tmexxiet b'ħila mix-xandar Charles Saliba. (Ritratt ta' Rita Demicoli)*



*L-interventi mużikali kienu f'idejn il-Pjanista Mostija, is-Sinjorina Simone Attard. (Ritratt ta' Rita Demicoli)*

insibuh bħala Assistent Kap ta' Xandir Malta. Laħaq Direttur Eżekuttiv tal-*Public Broadcasting Services* fl-1991 kif ukoll *Manager* ta' *Television Malta*. Fl-1995 ġie onorat b'żewġ unuri prestiġjużi. Hu kien ġie ppreżentat bil-*Broadcasting Authority Trophy* għas-servizz distinti li kiseb fil-qasam tax-xandir u kif ukoll ġie onorat bil-Midalja għall-Qadi tar-Repubblika nhar it-13 ta' Diċembru ta' dik is-sena.

Nhar it-Tnejn 13 ta' Frar 2006, Charles Arrigo kien qiegħed Gwardamangia fl-i*studios* tal-PBS, meta tah attakk f'qalbu u ttieħed l-Isptar San Luqa. Sfortunatament, ftit minuti biss wara, tħabbret il-mewt ta' din il-figura tant ċentrali tax-xandir Malti, fl-aħħar sittin sena.

L-Għaqda Filantropika Talent Mosti kellha l-unur li tilqa' lil Charles Arrigo fil-kwartieri tagħha, nhar is-Sibt 19 ta' Lulju 2003. Dakinhar ġiet imtella' Akkademja Mużiko-Letterarja fl-okkażjoni tal-20 anniversarju mit-twaqqif tagħha, bit-tema "Inferrħu u Nifirħu". Din is-serata ġiet organizzata għall-arja aperta tas-sajf Malti fuq in-naħa ta' wara tar-Razzett tal-Markiż, maġenb l-entratura tal-Iskola Sekondarja tal-Bniet fi ħdan il-Kulleġġ Maria Regina. Charles Arrigo kien fost il-*line up* tal-qarrejja li qraw is-siltiet letterarji, waqt li ħa sehem fil-parti mużikali wkoll il-mibki iżda żgur qatt minsi Frans Baldacchino, il-Budaj.

Il-President ta' din l-NGO, Joe Bartolo li kien ħabib ta' Charles Arrigo, wera x-xewqa mal-kumitat li jsir il-bust ta' dan l-ikona fil-qasam tax-xandir f'pajjiżna. Filwaqt li l-kumitat aċċetta bil-qalb din il-proposta, ħatar lill-artist Mosti u membru tal-għaqda, seħibna Vince Dimech, biex isawwar dan il-mafkar.

**Emozzjonijiet**

Din is-serata ta' kommemorazzjoni kienet imżewqa b'mod li l-pubbliku seta' jħossu parti sħiħa minn din l-attività. Għal din l-okkażjoni ħsibna u rajna li nagħtu togħma ħelwa mill-pinna ta' Vincenzo Maria Pellegrini. Il-poeżija tiegħu "Tinbidel kif irridek", għandha l-versi tagħha tassew artistiċi, fejn il-poeta jittrasforma ruħu f'artist. Vincenzo f'dan il-mument narawh bħal donnu qed jorqom il-vrus tiegħu bħalma artist jagħti sura lill-iskultura tiegħu f'xi zokk, ġebla jew fit-tafal. Bla dubju, l-interventi mużikali ma kinux nieqsa, fejn għal dan il-għan kellna magħna lill-pjanista Simone Attard, li bħala solista paxxietna bi ġmiel il-melodija.

Il-ħabib tagħna Peter Paul Ciantar f'Mejju 2014 għoġbu jirregala lill-Għaqda żewġ diski kompatti li fihom hemm irrekordjat xi xogħol letterarju tal-għażiż J.J. Camilleri. F'waħda minnhom insibu poema Marjana bl-isem "L-Imbierka fost in-nisa". Il-vuċi li kienet tat ħajja lil din il-biċċa xogħol ta' valur letterarju għoli, ma hi ta' ħadd ħlief tal-leġġendarju Charles Arrigo. Dakinhar smajna biss l-introduzzjoni tagħha, imma kien biżżejjed biex jitqanqlu bosta emozzjonijiet, hekk kif il-vuċi



*Iż-żewġ bustijiet wara li ġew inawgurati u mbierka mill-W. R. Arċipriet Dun Albert Buhagiar. (Ritratt ta' Rita Demicoli)*

unika ta' Charles, dwiet mal-imkejjen kollha tar-Razzett tal-Markiż.

### Żewġ Pari Jdejn

Wara d-diskorsi tal-okkażjoni, fejn fost oħrajn, il-President ta' Talent Mosti s-Sur Joe Bartolo esprima l-gratitudni tiegħu u tal-kumitat lejn dawk kollha li kienu involuti b'xi mod jew ieħor f'din is-serata, ġew inawgurati ż-żewġ bustijiet. Għaċ-ċerimonja tal-inawgurazzjoni kienu preżenti l-qraba ta' Vincenzo Maria Pellegrini u ta' Charles



***Il-familjari ta' Charles Arrigo u ta' Vincenzo Maria Pellegrini, flimkien mal-artisti, dawk li ħadu sehem fis-serata, il-President u xi membri tal-kumitat ta' Talent Mosti.***

Arrigo, waqt li kienu akkumpanjati mill-artisti li ħadmu dawn il-bustijiet. Fostna, kellna lil W. R. Arċipriet Dun Albert Buhagiar li bierek dawn l-opri artistiċi, frott it-talenti ta' żewġ pari idejn. Kollox ma' kollox, din l-attività li kellha preżentazzjoni tax-xandar Charles Saliba, uriet kif dawn iż-żewġ personaġġi, sa minn bosta snin ilu kienu fehmu li l-poplu Malti għandu, għaliex le, jiddistingwi ruħu bħala ġens li għandu l-ħiliet kreattivi tiegħu fid-diversi oqsma tal-ħajja, inkluż dawk artistiċi.

**Riferenzi:**

M. J. Schiavone, *Dictionary of Maltese Biographies* Vol. I u Vol. II, (Malta, 2009).

T. S. Mangion *The Maltese*, (Malta, 2002).

G. Aquilina *Il-Muża Maltija – Antoloġija ta' Poeti Maltin*, (Malta, 1969).

Skript tas-serata ta' tifkira ta' nhar il-Ġimgħa 22 ta' Mejju 2015 bi produzzjoni tal-Għaqda Filantropika Talent Mosti

